**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Paul Musu *noe*

*versus*

Francis Vella *et noe*

**Merkanzija - Danni - Trasport - Solidarjetà - Responsabbilità - Limitazzjoni fi - *CMR Convention* - Eċċezzjoni - *Iuxta Allegata Et Probata***

*L-attur aġixxa għal danni minħabba nuqqas fil-merkanzija. Il-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza appellata fis-sens illi sabet lill-konvenuti solidalment responsabbli għan-nuqqas fil-merkanzija.*

*Il-Qorti ta' l-Appell esprimiet ruħha fis-sens illi għandu però jkun paċifiku illi l-Ewwel Qorti kellha tiddeċidi* iuxta allegata et

probata *fuq it-talbiet attriċi tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Anke jekk dawn l-eċċezzjonijiet mhux neċessarjament jirrizultaw formalizzati bhala tali imma jkunu jirrizultaw xort'oħra waqt it-trattazzjoni.*

*Kwantu għal-limitazzjonijiet fir-responsabbilità, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi, anke li kieku kellu jiġi ppruvat li tapplika s-*CMR Convention *fil-każ taħt eżami, hija eskludiet l-applikazzjoni tal-limitazzjoni tar-responsabbilità a tenur ta' l-artikolu 29 li jagħmel tali* misconduct *jew* equivalent default *għaliex sabet illi kien każ li kellu jiġi rregolat bil-*lex fori *jiġifieri l-Liġi Maltija u kien każ ta'* wilful misconduct *jew l-ekwivalenti skond il-liġi tagħna.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà attriċi pproċediet kontra l-konvenuti *nomine* b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"Il-kumpannija attriċi ppremettiet li kkummissjonat lill-kumpannija konvenuta sabiex titrasportalha sa hawn Malta minn Pariġi erba' *cartons* ta' lbies, dokument E u F huma *delivery orders* li jikkonfermaw dan l-obbligu;

Premess illi dawn il-ħwejjeġ fil-fatt qatt ma waslu hawn Malta;

Premess illi dan ix-xogħol nieqes huwa dak indikat fid-dokument A, B u C u jiswa l-ammont ta' elf, ħames mija u tletin lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu kif jindika d-dokument D;

Premess illi għalhekk il-konvenuti naqsu li jonoraw l-obbligu tagħhom li jwasslu l-merkanzija lill-atturi;

Premess illi dan in-nuqqas hu attribwibbli lill-konvenuti;

Premess illi l-konvenuti fil-fatt ikkommissjonaw ix-xogħol tat-trasport ta' dawn il-ħwejjeġ lil ħaddieħor mingħajr ma kienu awtorizzati jagħmlu dan mill-attur;

Premess illi fil-fatt ix-xogħol ittieħed mill-post ta' oriġini tiegħu;

Premess illi għalhekk l-attur sofra danni fl-ammont ta' elf, ħames mija u tletin lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm1,530.13,0) kif ukoll danni oħra konsistenti f'*damnun emergens* u *lucrum cessans*;

Talbu li l-konvenuti jgħidu għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli talli ma wettqux l-obbligu tagħhom li jwasslu sa għand l-attur il-merkanzija tiegħu u responsabbli tad-danni sofferti mill-attur;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur frott tan-nuqqas tal-konvenuti;

Tordna l-konvenuti jħallsu lill-attur dawk id-danni kif likwidati minn dina l-Qorti";

Il-konvenuti *nomine* hekk eċċepew għat-talbiet attriċi:

"Preliminarjament għandha tiġi kkjamata fil-kawża s-soċjetà estera De Rijke Mediterranee ta' Franza li kienet is-*subcontractor* u li kellha t-*trailer* in kwistjoni fil-pussess tagħha meta nsterqu l-oġġetti meritu ta' din il-kawża;

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess l-

eċċipjenti mhumiex responsabbli għan-nuqqasijiet in kwistjoni billi dawn ma ġewx ikkonsenjati minħabba raġunijiet li l-eċċipjent ma setax jevita u li għalihom ma kellu ebda tort jew ħtija;

Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja l-ammont mitlub huwa esaġerat u għandu jiġi ridott a bażi tal-limitazzjonijiet ta' responsabbiltà li jirregolaw it-trasport in kwistjoni;

Is-soċjetà estera De Rijke Mediterranee, kjamata fil-kawża b'digriet tat-28 ta' Ottubru, 1993, eċċepiet:

Illi l-eċċipjenti mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa li jippreżentaw l-istess fi stadju ulterjuri";

B'sentenza ta' l-10 ta' Lulju, 1995, l-allura Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi filwaqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti *nomine* u llikwidat id-danni kollha attriċi fl-ammont ta' Lm1,193.32c u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-attur *nomine* din is-somma oltre interessi legali mid-data ta' dik id-deċiżjoni sal-ħlas effettiv u li jħallsu ukoll il-kap ta' l-ispejjeż, kompriżi dawk tal-kuraturi deputati. Dan waqt li baqgħet riservata lill-konvenuti *nomine* kull dritt ta' azzjoni lilhom spettanti kontra l-kjamati fil-kawża f'ġudizzju separat jekk ikun il-każ;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Ikkunsidrat li l-fatti jidhru li ġraw kif eżattament ippremetta l-attur *nomine* fil-premessi taċ-ċitazzjoni tiegħu. Huwa nkariga lill-konvenuti *nomine* biex jittrasportawlu merkanzija minn Pariġi sa Malta tramite l-port ta' Marsilja.

Meta waslu Malta, però, nstab li l-merkanzija *ġiet mimsusa* u waslet bin-nieqes f'ammont li ġie likwidat għal elf, ħames mija u tletin lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu (Lm1,530.13c). Dan kollu l-konvenuti *nomine* ma jiċħduhx però jattribwixxu l-ħtija kollha lis-soċjetà kkjamata fil-kawża De Rijke Mediterranee. Jgħidu li huma taw b'subappalt it-trasport *de quo* lil din is-soċjetà. Aktar dettalji però ma jagħtux dwar dan il-ftehim permezz ta' xi dokumenti. Ċertament ma jirriżultax li f'xi waqt kien hemm jew għaddiet xi informazzjoni dwar dan is-subappalt mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor jekk tassew kien hemm dan is-subappalt, kollox sar ad insaputa u mingħajr ebda ftehim ma' l-attur *nomine*, li għalih kull ftehim f'dan is-sens kien għalhekk *res inter alios acta*. *Il-konvenuti nomine* ma ressqux provi suffiċjenti li għamlu ta' lanqas diliġenza minima biex jiżguraw li kollox imur tajjeb. Jgħidu li f'Marsilja kien hemm azzjoni industrijali u li t-*trailer* kellu jinżamm ipparkeġġjat barra - iżda ma jgħidux jekk saritx sorveljanza. Lanqas indenjaw iżommu lill-attur *nomine* nfurmat b'dak li ġara. Kien jispetta lill-konvenuti *nomine* li almenu jippruvaw li, lis-soċjetà li jgħidu li nkarigaw kienet waħda rispettabbli. Mhux biżżejjed li jallegaw li minn rajhom inkarigaw lil ħaddieħor u b'hekk jippretendu li allura ħelsu u eżoneraw lilhom infushom minn kwalsiasi responsabbilità lejn il-parti li nkarigathom bit-trasport *de quo*. Id-dritt ta' azzjoni tal-konvenuti *nomine* kontra s-soċjetà kjamata in kawża *teżisti* imma għall-fini ta' responsabbilità versu l-attur *nomine* jibqgħu responsabbli huma u mhux it-terz;

Dwar il-*quantum* ma hemmx kontestazzjoni. Jidher però li oltre *damnum emergens* ta' Lm1,530.13c, l-attur *nomine* qed jitlob bħala *lucrum cessans* marġini ta' profitt mitlub ibbażat fuq perċentwali ta' tnejn u ħamsin fil-mija (52%). L-attur jgħid biss xott xott li dan il-qligħ jirrappreżenta marġini ta' profitt bħala bl-ingrossa u bl-imnut però ma jgħid xejn aktar. Il-Qorti jidhrilha li ankorke *lucrum cessans* tasew kien hemm, però l-

perċentwali mitlub huwa wieħed esaġerat u mhux suffiċjentement ġustifikat u għalhekk hija sejra tirriduċieh għal ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) jiġifieri għas-somma ta' Lm382.00. Għalhekk id-danni kollha ta' l-attur *nomine* huma ta' Lm1,912.13c (elf, disa' mija u tnax-il lira Maltija u tlettax-il ċenteżmu);

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi, filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine*, tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti *nomine* u tillikwida d-danni kollha attriċi fl-ammont fuq imsemmi ta' Lm1,912.13c u *tikkundanna* għalhekk *lill*-konvenuti *nomine* jħallsu lill-attur *nomine* dan l-ammont oltre interessi legali mid-data ta' din id-deċiżjoni sal-ħlas effettiv u li jħallsu ukoll il-kap ta' l-ispejjeż, kompriżi dawk tal-kuraturi deputati. Tibqa' riżervata kull azzjoni spettanti lill-konvenuti *nomine* kontra l-kjamata in kawża f'ġudizzju separat jekk ikun il-każ";

L-appellanti *nomine* għandhom żewġ aggravji prinċipali - wieħed dwar ir-responsabbilità għad-danni reklamati mis-soċjetà attriċi u l-ieħor dwar il-*quantum*;

Is-soċjetà konvenuta tissottometti li ma taħti xejn għall-inċident li b'kawża tiegħu l-attur *nomine* sofra d-danni. Issostni li apparti l-fatt li sar kuntratt ta' subappalt bejn is-soċjetà konvenuta u dik kjamata fil-kawża, ġie stabbilit illi t-*trailer* tħalla ġo maħżen privat li kien imsakkar. Persuna jew persuni b'intenzjoni kriminali sgassaw il-maħżen u wara li qalgħu l-kamra tat-*trailer*, ħadu, ossia serqu, merkanzija ta' proprjetà tas-soċjetà attriċi. Is-serqa allura f'kull każ ma ġratx ħtija tagħhom;

L-appellant *nomine* jissottometti ukoll illi t-trasport kien regolat taħt is-*CMR Convention* li l-Ewwel Qorti jidher li njorat għal kollox. Isostnu li dak li ġara kien "*accident* (*sic*) li għalih ma jistgħux jirrispondu huma";

L-appellat *nomine* ġustament jilmenta illi l-fatti kif jirriżultaw mill-proċess ma jissuffragawx dan l-aggravju. Ċertament din il-Qorti *tifhem kif* l-Ewwel Qorti ma setgħetx tkun sodisfatta illi ġie ppruvat mill-konvenuti *nomine* illi t-*trailer* kien ġie mħolli ġo maħżen privat li kien imsakkar. Ix-xhud konvenut appellant Francis Vella nnifsu jixhed li s-subkuntrattur tiegħu kellu jittrasporta t-*trailer* minn Pariġi għal Marsilja. Jixhed:

"Irċevejna korrispondenza mingħand din id-ditta li nformatna li meta l-*container* wasal Marsilja biex jistenna biex jitla' fil-vapur u kienet il-*weekend*, allura kellu jitħalla ipparkeġġjat hemmhekk sakemm ikun jista' jitgħabba fuq il-vapur peress li kien il-*weekend*;

Id-ditta Franċiża De Rijke Mediteranee kellha spazju fil-*yard* fil-port ta' Marsilja, u hawnhekk ipparkeġġjat il-*container*. Dan kien *outside the port area*, però, huma għandhom art privata tagħhom (hemm) din is-soċjetà";

Kien allura hemm u f'dawn iċ-ċirkostanzi li saret l-allegata serqa;

Minn din id-deposizzjoni ta' l-istess appellant xejn ma jista' jiġi assigurat li t-*trailer* tħalla f'maħżen magħluq li kellu jiġi sgassat biex issir is-serqa. Lanqas jirriżulta li kien hemm xi għeluq partikolari u jidher li t-*trailer* tħalla fi spazju għall-apert, fi proprjetà tas-soċjetà subappaltatriċi, anke jekk b'xi mod mhux preċiżat reċintat;

Li hu nteressanti hu illi anke mid-dokumenti esebiti mill-istess konvenut *nomine* tardivament, u meta ma ġiex hekk awtorizzat li jagħmel mill-Qorti kien ikkonfermat minn dikjarazzjonijiet magħmula minn impjegati ta' l-istess soċjetà kjamata fil-kawża, illi mhux minnu illi l-*container* tħalla f'maħżen. Id-*driver* tat-*trailer* impjegat mas-soċjetà kjamata fil-kawża jiddikjara infatti: "*When I arrived at the warehouse not being able to return the trailer immediately, my employing chief asked me to put it in the park. Therefore I parked the backdoor (*tat-*trailer) against the wall of the bungalow*". Minn imkien ma hemm prova adegwata u konvinċenti li dan l-ispazju kien adegwatament sigur u li ma kienx faċilment aċċessibbli. Minn imkien ma hemm prova li dan l-ispazju kien ben sorveljat għaż-żmien tal-*weekend* permezz ta' persuni ta' sigurtà, jew mezzi elettroniċi ta' sorveljanza;

Din il-Qorti allura ma tistax ma taċċettax il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li s-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex teżimi lilha nfisha mir-responsabbilità għall-akkadut. Mhux biss, indubbjament għax ir-relazzjoni ġuridika diretta kienet biss bejn l-attur *nomine* u s-soċjetà konvenuta, in kwantu hu ma' din is-soċjetà li kien ġie ffinalizzat il-kuntratt tat-trasport; mhux biss għax minn imkien ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta b'xi mod informat lis-soċjetà attriċi bis-subappalt minnha magħmul fir-rigward tal-ġarr tal-merkanzija tagħha u għal dan il-fini ottjeniet il-kunsens tagħha imma ukoll għaliex hu adegwatament ippruvat li s-soċjetà kjamata fil-kawża, inkarigata mis-soċjetà konvenuta kienet għal kollox inadempjenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet tagħha bħala trasportatur li tassigura l-merkanzija fdata f'idejha kontra riskju bħal dak li kkaġuna d-danni reklamati f'din l-istanza;

Din il-Qorti allura ma tistax taċċetta s-sottomissjoni li dak li ġara kien inċident li seħħ indipendentement mill-volontà tas-soċjetà konvenuta u/jew tas-soċjetà kjamata fil-kawża minnha

nkarigata. Ma tistax taċċetta li kien każ fortuwitu fejn l-appellant *nomine* seta' jinvoka l-prinċipju *casus sentit dominus*. Hu għall-kuntrarju każ fejn l-appaltatur jirriżulta ħati ta' inadempjenza kuntrattwali u ta' negliġenza, anke jekk b'mod indirett minħabba *culpa in eligendo*, li tgħabbihom bir-responsabbilità ta' min ikun qabbad persuna mhux ta' ħila biex jesegwixxi xogħol għan-nom tagħhom;

Sa hawn jaslu l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*. Mhux eskluż li waqt it-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, il-konvenut *nomine* għamel ukoll sottomissjonijiet dwar il-protezzjoni li huma kellhom dritt jippretendu bħala *carrier* taħt is-*CMR Convention* u l-limitazzjonijiet li din kienet timponi fir-rigward tar-responsabbilitajiet tagħhom għal danni sofferti minn min inkarigahom jittrasportaw il-merkanzija. Sottomissjonijiet *li huma jagħmlu bħala aggravju f'dan l-appell*. *Għandu però* jkun paċifiku illi l-Qorti kellha tiddeċidi *iuxta allegata et probata* fuq it-talbiet attriċi tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Anke jekk dawn l-eċċezzjonijiet mhux neċessarjament jirriżultaw formalizzati bħala tali imma jkunu jirriżultaw xort'oħra waqt it-trattazzjoni;

Fil-każ in eżami però mill-atti ma tirriżulta l-ebda referenza għal din il-konvenzjoni jekk mhux f'nota bħala sottomissjoni illi kif ingħad, l-appellanti *nomine* ppreżentaw wara li l-kawża kienet diġà tħalliet għas-sentenza u mingħajr ma ġew notifikati biha l-kontro-parti. L-Ewwel Qorti awtorizzat il-preżentata tagħha u ħalliet il-kawża għas-sentenza mingħajr ma tat lill-kontro-parti l-opportunità li tikkontesta kemm in-nota kif ukoll id-dokumenti magħha annessi;

*L-ilment ta' l-appellat nomine fir-rigward tal-preżentata* ta' din in-nota u tad-dokumenti li l-appellanti *nomine* jippretendu li jikkostitwixxu prova f'din il-kawża, hu

proċeduralment pjenament ġustifikat. Din il-Qorti jidhrilha però li tista' tipproċedi b'determinazzjoni ta' l-appell mingħajr ma tinoltra ruħha iżjed f'dan l-inċident;

Infatti, is-*CMR Convention* għandha relevanza fir-rigward ta' l-aggravju ta' l-appellanti *nomine* dwar il-*quantum* tad-danni. Hu jippretendi li skond din il-Konvenzjoni, ir-responsabbilità tal-*carrier* hi limitata fir-rigward tal-*quantum*, f'każ ta' responsabbilità, mal-piż tal-merkanzija. Skond is-soċjetà appellanti l-konsenja kellha piż ta' 85 *kilos* u għalhekk il-*quantum* kien limitat għal 708.5 S.R.D., 1.8 S.R.D. huma ekwivalenti għal Lm1 u għalhekk, il-*quantum* tad-danni kellu jkun limitata għal Lm393.60. Dan però mhux korrett għaliex il-limitazzjoni f'din il-Konvenzjoni ma tapplikax fejn tirriżulta negliġenza tax-xorta riskontrata fil-każ taħt eżami;

Din il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni ta' l-appellat *nomine* li, anke li kieku kellu jiġi ppruvat li tapplika s-*CMR Convention* fil-każ taħt eżami, l-artikolu 29 tagħha jeskludi l-limitazzjoni tar-responsabbilità tal-*Carrier* f'każi fejn dan juri *wilful misconduct* jew *equivalent default*. "Issa ġie ritenut (ara Malcolm Clerk, *International Carriage of Goods by Road*) illi din (*l-equivalent default*) *must be weighed by the lex fori*" - jiġifieri l-liġi Maltija. Qiegħed jiġi sottomess illi li tħalli *trailer* tal-*canvas* waħdu, ġewwa jew barra, bħal fil-każ odjern, huwa *wilful misconduct* jew fl-aħjar ipotesi għall-appellant *equivalent default*. Għalhekk id-difiżi u l-limitazzjonijiet ta' responsabbilità tal-*carrier* ma japplikawx għal-każ odjern. *Wilful misconduct* hu definit bħala *knowingly doing the act, knowing of the probability of the damage, of being reckless as to whether there was such probability or not*. Li tħalli *trailer* tal-*canvas* waħdu u barra żgur li joħloq probabbilità ta' ħsara". Din is-sottomissjoni ta' l-appellant *nomine* hi korretta fil-liġi u din il-Qorti qed tadottaha;

Is-soċjetà appellanti finalment tissottometti li jekk kellu jkun hemm xi dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħha, *tali* dikjarazzjoni ta' responsabbiltà, likwidazzjoni tad-danni u kundanna *ta' ħlas għandha ssir ukoll kontra s-subkuntrattur.* F'risposta tiegħu għar-rikors ta' l-appell l-attur *nomine* jaqbel *ma' din is-sottomissjoni li jaċċetta illi* s-sentenza *kellha tkun* ukoll kontra s-soċjetà kjamata in kawża li, mas-soċjetà konvenuta, kellha tkun solidalment responsabbli għad-danni reklamati f'din l-azzjoni;

Hu ovvju illi fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula u tal-provi prodotti jirriżulta assodat illi daqskemm kienet responsabbli s-soċjetà konvenuta talli kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha li direttament jew indirettament tikkustodixxi sewwa l-merkanzija fdata *lilha biex tittrasportaha,* daqstant ieħor hi responsabbli s-soċjetà kjamata fil-kawża li kienet fil-fatt direttament ħatja ta' *negliġenza li pprovokat il-*ħsara. Is-solidarjetà f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ *ex lege*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqgħu limitatament għall-aggravju li s-soċjetà kjamata fil-kawża kellha tiġi ukoll ikkundannata flimkien mas-soċjetà konvenuta biex tagħmel tajjeb għad-danni reklamati mill-attur *nomine*. Konsegwentement, is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata in kwantu laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà kjamata fil-kawża. *Din qed tiġi kkundannata* ukoll li tħallas lill-attur *nomine* d-danni likwidati ta' Lm1,912.35c *in solidum* flimkien mas-soċjetà konvenuta u *dana bl-imgħax* legali mid-data tas-sentenza appellata sal-ħlas effettiv;

L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-prim'istanza kif ukoll ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà konvenuta u tas-soċjetà kjamata fil-kawża, fi kwoti ndaqs bejniethom, u f'dan is-sens ukoll is-sentenza appellata qed tiġi

**rriformata.**